MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 472/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti minn relazzjoni li hi kellha mal-intimat kellhom tifla bl-isem ta’ E D li llum ghandha 5 snin.

Illi l-esponenti u l-intimat m’humiex mizzewgin izda ghamlu zmien relattivament twil jiffrekwentaw lil xulxin.

Illi r-relazzjoni li huma kellhom tkissret u bhala rizultat huma ma baqghux flimkien.

Illi l-partijiet ma ghandhomx kuntratt bejniethom li jirregola l-kura u l-kustodja, il-manteniment u l-access tat-tifla minuri E.

Illi l-intimat m'huwiex qed ihallas manteniment adegwat ghat-tifla u qed jitlob hinijiet ta' access twal hafna u ambigwi apparti li jippretendi li dawn il-hinijiet jinbidlu kontinwament skond l-esigenzi tieghu u dan kollu qed johloq inkonvenjent serju lit-tifla, kif ukoll lill-esponenti li lanqas tista' tippjana hajjitha sew.

Illi fl-opinjoni tal-esponenti, il-hinijiet tal-access ghandhom ikunu fissi u cioe' t-Tnejn u l-Erbgha mill-5.30 sas-7.30 ta' filghaxija u mill-Gimgha mill-5.30 sas-7.30 ta' filghaxija tas-Sibt u dan peress li l-esponenti tahdem gewwa bank u ma jkun qatt possibli ghaliha li hi tiehu t-tifla s-Sibt filghodu filwaqt li l-festi pubblici jkunu b'mod alternat.

Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawn il-proceduri permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 12 ta' Novembru 2008 u numerat 1936/08, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument LC1.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna li l-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn l-omm.

Takkorda manteniment adegwat u xieraq ghat-tifla minuri u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas l-istess manteniment flimkien ma' nofs l-ispejjez skolastici.

Tiffissa hinijiet ta' access adegwati ghall-intimat preferebbilment skond kif indikat mill-esponenti.

Tordna li tali manteniment u access ghandu jibda japplika minn issa u cioe' pendente lite.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D li eccepixxa:

Illi l-esponent ma jaqbilx li l-attrici ghandha tigi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tat-tifla minuri E. Huwa jghid umilment illi ghal ragunijiet validi fil-ligi u fl-ahjar interess tat-tifla, iz-zewg genituri ghandhom jikkondividu l-kura u l-kustodja tal-minuri, senjatament b’referenza ghal dawk id-decizjonijiet ta’ importanza li jaffettwaw lill-istess minuri.

Illi in vista tal-fatt li sew l-esponent kif ukoll l-attrici jahdmu ‘full-time’, l-esponent jaqbel li bintu tigi mantnuta miz-zewg genituri b’mod xieraq, u li l-ispejjez skolastici jinqasmu kif qed jintalab mill-attrici.

Illi, riferibbilment ghat-tielet talba attrici, l-esponent jghid illi x-xewqa tieghu hi li jkun jista’ jaccedi ghal bintu b’mod li jkun jirrispekkja sew l-esigenzi ta’ xoghol li ghandhom iz-zewg genituri kif ukoll l-esigenzi u l-interessi tat-tifla. L-esponent ma jaqbilx li dan huwa rispekkjat fil-proposta maghmula mill-attrici.

Illi, riferibbilment ghar-raba’ talba attrici, jinghad li guridikament tali talba hija skorretta billi qed tanticipa intempestivament ‘pendente lite’ dak li ghad irid jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet lill-minuri in camera.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla minuri E li llum ghandha tmien snin. Ir-relazzjoni tal-koppja sfaxxat meta t-tifla kellha xi erba’ erba’ snin u minn dak iz-zmien ‘l hawn

il-hajja ta’ din it-tifla kienet saga twila ta’ medjazzjoni, rikorsi, piki u problemi. Il-koppja, ghalkemm it-tnejn jiddikjaraw illi jhobbu lit-tifla u jridulha l-gid, donnhom qed jaghmlu l-almu taghhom biex jirrendulha hajjitha instabbli u infelici. L-estrem ta’ din il-pika ta’ bejn il-genituri ntlahaq meta anki dwar il-post fejn ghandha tattendi d-duttrina t-tifla ma qablux u spiccat tattendi darba fir-rahal fejn tghix m’ommha u n-nanniet materni u darb’ohra fir-rahal fejn tkun ghand missierha ghall-access.

Ghalkemm iz-zewg genituri huma edukati u t-tnejn b’impjieg tajjeb (l-omm tahdem f’bank u l-missier ghalliem) l-edukazzjoni formali taghhom m’hijiex qed twassalhom biex jaghzlu dak li hu l-ahjar ghal binthom. Lanqas ma huma jirrealizzaw illi aktar ma jsibu “modus vivendi” civilizzat bejniethom aktar ser ikunu kuntenti t-tlieta li huma u dan qed jinghad fid-dawl tal-principju kardinali li kull wild ghandu dritt jibni relazzjoni ma’ kull genitur u huwa, konsegwentement l-obbligu ta’ kull genitur iwasslu ghal dan.

Kura u Kustodja

F’dan ix-xenarju, il-Qorti tiskarta mal-ewwel il-possibilita’ ta’ kura u kistodja kongunta. Il-partijiet f’din il-kawza, kif intqal aktar ‘il fuq, ma jaqblu f’xejn fejn jirrigwarda t-tifla u kura u kustodja kongunta twassal zgur ghall-proliferazzjoni ta’ procedura gudizzjarji ohra, xenarju xejn felici ghal hadd, partikolarment l-istess minuri. Stabbilit dan, il-Qorti tiddikjara ukoll illi, fil-fehma taghha, matul il-gimgha, it-tifla ghandha dejjem torqod f’dar wahda. Is-sleepover ghandu jkun biss l-eccezzjoni tal-weekend, dan fl-interess tal-istabbilita’ fil-hajja tal-minuri fil-konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni familjari taz-zewg genituri, din il-Qorti qieset sewwa ukoll il-fatt li r-rikorrenti tghix mal-genituri taghha filwaqt li l-intimat jghix wahdu. L-utilita’ tan-nanniet accessibli b’dan il-mod ma tistax tigi skartata meta si tratta ta’ tifla ta’ eta’ daqshekk tenera li tinhtieg indokrar kontinwu. Ghalhekk il-kura u kustodja qed tigi fdata f’idejn l-omm.

Access

Il-Qorti tibda biex ittenni li huwa dritt ta' kull tifel jew tifla li jkollhom relazzjoni mal-genitur li ma jkunux qed jghixu mieghu. Konsegwentement huwa dmir taz-zewg genituri jahdmu ghal dan il-ghan. Il-Qorti qieghda tistabilixxi dritt ta' access favur il-missier kull nhar ta' Erbgha minn siegha wara li t-tifla tasal mill-iskola (tista' tingabar mill-iskola mill-missier nhar ta' Erbgha) sas-7.00pm. it-tifla ghandha tmur ghand missierha ukoll b'mod alternat darba wahda mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt fis-2.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6.00pm sal-Hadd fis-2.00pm. It-tifla ghandha tqatta' jum l-Omm ma' ommha u jum il-Missier ma' missierha b'dana illi anki jekk dawk il-granet ma jkunux granet li fihom ghandha tkun ma' dak il-genitur skond l-iskeda, l-iskeda tibqa' ghaddejja bla ma titbiddel. It-tifla ghandha tqatta' il-Milied darba mal-omm u darba mal-missier, b'dana illi l-ewwel tas-sena, imbaghad, it-tifla tkun mal-genitur li mieghu ma tkunx qattghet il-Milied. Il-gurnata f'dawn il-festi ghandha titqies mill-10.00am sas-7.00pm. F'jum gheluq sninha, it-tifla ghandha tiltaqa' ma' missierha ghall-anqas saghtejn jekk ma tkunx gurnata tal-access mieghu. L-istess f'jum gheluq snin il-missier. Il-Milied 2011, it-tifla ghandha tqattghu mal-omm. Fil-vaganzi skolastici, nhar ta' Erbgha, it-tifla ghandha tkun ghand missierha mill-10.00am sas-7.00pm. Ghar-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari, il-genitur li tkun mieghu t-tifla skond l-iskeda ghandu jiehu hsieb li tattendi ghalihom, b'dana illi t-tifla m'ghandhiex tigi registrata f'ebda attivita' extra-kurrikulari nhar ta' Erbgha. Peress illi l-genituri jghixu f'zewg irhula pjuttost imbeghdin minn xulxin, il-Qorti tordna illi l-vjaggi bit-tifla ghandhom jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg genituri, b'dana illi, a skans ta' kull evikwoku, il-vjaggi li jkun imissha taghmel l-omm biex twassal jew tigbor lit-tifla jkunu jistghu jsiru minn membri ohra tal-familja taghha.

<u>Terzi Persuni</u>

Tul il-procedimenti, din il-Qorti ordnat li l-genituri m'ghandhomx ihallu lill-minuri fil-prezenza ta' terzi li huma jkollhom relazzjoni maghhom. Il-Qorti tifhem illi l-genituri ghandhom kull liberta' li jifformaw relazzjoni ma' terza

persuna. Qatt ma kienu mizzewgin. Madanakollu peress illi jirrizulta illi r-relazzjoni li ghandha ma' terz l-omm hija wahda ambigwa ghall-ahhar fis-sens illi t-terz ghadu jirrisjedi ma' martu u uliedu u ghalhekk din ir-relazzjoni tista' zzid fl-instabbilita'. Anzi, fil-fehma tal-Qorti, din l-istess relazzjoni qed tkompli tghabbi lill-minuri b'piz zejjed peress li, ghalkemm konxja taghha, jidher li qed tintalab izzomm is-sigrieti. Qed titpogga ukoll f'sitwazzjonijiet ta' stress mill-omm meta din qed tipprova zzomm ir-relazzjoni sigrieta. Ghalhekk il-Qorti qeghda tikkonferma dan id-divjet permezz ta' din is-sentenza, dan pero' biss sakemm l-istess genituri jkunu ghaddew l-iter ta' ghajnuna terapewtika kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

<u>Ghajnuna Professjonali</u>

Il-Qorti hi tal-fehma li, kif uriet l-esperjenza ta' dawn it-tnejn min-nies, huma ma kinux wahedhom kapaci jaslu ghal "modus vivendi" dwar kif ser jiggestixxu r-relazzjoni ta' bejniethom ghall-ahjar beneficcju ta' binthom. Ghalhekk il-Qorti qed tordna li l-partijiet jattendu ghal ghoxrin sessjoni mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata ghal dan l-iskop minnufih, dan a spejjez ugwali bejn il-partijiet. L-ghan ta' dawn is-sessjonijiet huwa li l-partijiet jigu mghejjuna jfittxu dak li hu ghall-beneficcju ta' binthom.

<u>Manteniment</u>

Il-Qorti qieset il-mezzi taz-zewg genituri u waslet ghall-konkluzjoni li l-missier ghandu jghaddi lil omm ghal bintu s-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba' gimghat. Ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, inkluz spejjez ghall-attivitajiet extra kurrikulari.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet attrici fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri E D qed tigi fdata f'idejn ommha A B. Il-missier ghandu jgawdi access ghal bintu kif spjegat fil-paragrafu intitolat

“Access” aktar ‘il fuq. Il-kundizzjonijiet hemm elenkati u spjegati jifformaw parti ntegrali minn din is-sentenza, kif jifformaw parti ntegrali ukoll l-ordnijiet ta’ din il-Qorti fil-paragrafu intitolat “Terzi Persuni”. Il-Qorti tordna lill-partijiet jattendu ghoxrin sessjoni mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata ghal dan l-iskop, dan a spejjez ugwali bejn il-partijiet. Il-missier ghandu jghaddi lill-omm ghal binthom is-somma ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba’ gimghat flimkien ma’ nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------